Ir-Rumanija	CHEMO IBERICA, S.A. Gran Via Carlos III, 98 7 <sup>a</sup> Edificio Trade 08028 Barcelona SPAIN	Oridox (Soldoxin) 100 mg/ml oral solution for use in drinking water for chickens and pigs	Doxycycline hyclate	100 mg/ ml doxycycline (bħala hyclate)	Soluzzjoni Orali	Tiġieġ (brojlers) (mhux għall- użu f'annimali li minnhom jiġi prodott bajd għall-konsum mill-bniedem) majjali	Orali (ilma tax- xorb)	10-20 mg doxycycline /kg b.w. għal 3 - 5 jiem.	Tjur (tiġieġ) 7 jiem (mhux għall-użu f'annimali li minnhom jiġi prodott bajd għall- konsum mill-bniedem) Prevenzjoni u trattament ta' CRD u mikoplażmozi ikkawżati minn mikroorganiżmi sensittivi għal doxycycline.
Ir-Rumanija	Huvepharma N.V. Uitbreidungstraat 80 2600 Antwerpen BELGIUM	HydroDoxx 500 mg/g Water Soluble Powder	Doxycycline hyclate	500 mg/g doxycycline hyclate	Trab għal soluzzjoni orali	Tiġieġ (brojlers) u majjali (majjali għat-tismin)	Orali (ilma tax- xorb)	20 mg doxycycline (hyclate)/kg x 3-5 jiem	Laħam u offal: Tiġieġ: 6 jiem Tużax f'tiġieġ li jbid il- bajd li jipprodu bajd għall-konsum mill- bniedem  Indikazzjonijiet: Tiġieġ (brojlers): Prevenzjoni u trattament tal-mard kroniku respiratorju (CRD) ikkawżat minn Mycoplasma

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkmand ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżmim/ Indikazzjonijiet</b>
									gallisepticum.
Ir-Rumanija	CEVA PHYLAXIA VETERINARY BIOLOGICALS CO. LTD. 1107 Budapest Szallas u.5 HUNGARY	Doxivit 100	Doxycycline hydrochloride	100 mg/g doxycycline hydrochloride	Trab li jinħall fl-ilma	Tjur (tiġieġ, dundjan u wiżżejt) majjali	Orali (ilma tax-xorb)	10 mg doxycycline /kg b.w. kuljujm għal 3 - 5 jiem.	Tjur) 7 jiem (mhux għall-użu f'annimali li minnhom jiġi prodott bajd għall-konsum mill-bniedem)  Indikazzjonijiet: CRD (Mycoplasma gallisepticum , E. Coli), coryza infettiva (Haemophilus paragallinarum), kolera tal-felu (Pasteurella multocida), Kolibaċillożi (E. Coli), airsaculitis (Mycoplasma maleagridis), klamidijoži (Chlamidia psittaci), enterite nekrotika (Clostridium perfringens).

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkmand ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżmim/ Indikazzjonijiet</b>
Ir-Rumanija	PHARMATEKA BT 1046 Budapest Szigyarto u. 10 / 20 Kossuth Str. Pusztaberki, 2658 HUNGARY	DOXY H 10%	Doxycycline hydrochloride	100 mg/g doxycycline hydrochloride	Trab li jinħall fl-ilma	Tjur	Orali (ilma tax-xorb)	1 g ta' prodott /1 litru ilma tax-xorb għal 3-5 jiem	Tjur 10 jiem (mhux għall-użu f'annimali li minnha jiġi prodott bajd għall-konsum mill-bniedem)
Ir-Rumanija	s.c. romvac company s.a.sos. Centurii, nr. 7 Voluntari ROMANIA	Doxiciclina 10%	Doxycycline hydrochloride	100 mg/g doxycycline hydrochloride	Trab li jinħall fl-ilma	Tjur, inklużi ħamien majjali bovini (għoġġiela)	Orali (ilma tax-xorb)	2 g ta' prodott/10 kg b.w./jum għal 5-8 jiem	Tjur (tiġieġ) 5 jiem (mhux għall-użu f'annimali li minnha jiġi prodott bajd għall-konsum mill-bniedem)
Ir-Rumanija	S.C. Crida pharm s.r.l 2 Intrarea Vagonetului Bl. 101, Ap. 47, sector 6 Bucharest ROMANIA	Doxicol 60%	Doxycycline hydrochloride	600 mg/g doxycycline hydrochloride	Trab li jinħall fl-ilma	Tjur majjali	Orali (ilma tax-xorb jew għalf)	Brojlers 0-14-il jum: 50g/1000 litru ta' ilma ; brojlers 15 -28 jum: 100g/1000 litru ta' ilma; brojlers 29 - 35 jum: 120g/1000 litru ta' ilma;	Tjur 5 jiem (mhux għall-użu f'annimali li minnha jiġi prodott bajd għall-konsum mill-bniedem)  Indikazzjonijiet: Prevenzjoni u trattament ta' kolibaċċilożi, mard respiratorju, mikoplażmozi.

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkomand ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżemm/ Indikazzjonijiet</b>
Is-Slovenja	Novartis Veterina d.o.o. Verovškova 57 1000 Ljubljana SLOVENIA	DOXYRIL 50%	Doxycycline hydiate	50% (500 mg/g)	trab għal soluzzjoni orali	majjali, tjur	Majjali u tjur: Darba kuljum, tlett jew ġamet ijiem konsekutivi fl-ilma tax-xorb	Majjali: 20 mg ta' doxycycline hydiate kull 1 kg ta' BW; Tjur 25 mg ta' doxycycline hydiate kull 1 kg ta' BW	Laħam u offal: tjur: 4 jiem;  Indikazzjonijiet: Infezzjonijiet respiratorji (M gallisepticum, M, synoviae in M, melagridis), Escherichia coli, Haemophilus paragallinarum, Ornithobacterium rhinotracheale; Enteritis (Clostridium perfringens u Clostridium colinum; Septicemia (Pasteurella multocida)

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkommard ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżemm/ Indikazzjonijiet</b>
Ir- Repubblika Slovakka	Trei Bio pharmaceutical division, Industria Italiana Integratori Trei Via Affarosa n.4 42010 Rio Saliceto (Reggio Emilia) ITALY	DOXIPAN 20 plv.sol. ad us.vet.	Doxycycline hyclate	20 g/100 g	Trab li jinħall fl- ilma	Għoġġiela, majjali, tjur - brojlers, dundjani	għal 5 jiem fl-ilma tax-xorb	Tjur- brojlers: 5- 7,5 g prodott/10 litru ta' ilma tax-xorb Dundjani: 10 -20mg sustanza attiva /b. w. li tikkorrispond i għal 50- 100 g prodott/100 litru d.w. Għoġġiela, majjali: 10 mg sustanza attiva /b.w./jum li tikkorrispond i għal 0,5 g prodott/10 kg b.w.	Laħam: Brojlers 5 jiem, dundjani 10 jiem,  Indikazzjonijiet: Brojlers: mard kroniku respiratorju u komplikazzjonijiet assoċjati. Dundjani: Infezzjonijiet ikkawżati minn ġermi G-pożittivi u G-negattivi majkoplażmi sensittivi għal doxycycline speċjalment sindromu respiratorju u artikolari ikkawżat minn majkoplażma u/jew staphylococcus
Ir- Repubblika Slovakka	DIVASA- FARMAVIC, S.A. CTRA. SANT HIPOLIT, KM. 71 08503 GURB – VIC SPAIN	DOXIVET 10% plv.sol. a.u.v.	Doxycycline hyclate	100 mg/ml	Trab li jinħall fl- ilma	Tjur: (tiġieġ u dundjani), bovini u majjali	għal 4-5 jiem fl- ilma tax-xorb	0.5 ml ta' prodott/ litru ilma tax- xorb	Laħam: 5 jiem  Indikazzjonijiet: Trattament ta' CRD, mikoplażmozi, pulminite enżzootika tal-majjali, bronkopulmonite, klamidijozi, dijarrea mhux speċifika.

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkommard ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżemm/ Indikazzjonijiet</b>
Ir- Repubblika Slovakka	Novartis Animal Health d.o.o. Verovskava 57 1000 Ljubljana SLOVENIA	DOXYRIL 500 mg/g prášok na perorálny roztok ad us.vet.	Doxycycline hyclate	500 mg/g	Trab li jinħall fl- ilma	Majjali, brojlers	Matul 3 sa 5 jiem konsekkutivi fl- ilma tax-xorb	Majjali: 20 mg doxycycline hyclate /kg b.w. Brojlers: 25 mg doxycycline hyclate /kg b.w.	Tessuti li jittieklu: Brojlers 4 jiem.  Indikazzjonijiet: Trattament ta' infezzjonijiet ikkawżaati minn mikroorganiżmi suxxettibbli għal doxycycline b'mod partikolari: Brojlers: infezzjonijiet tal- passaġġ respiratorju kkawżaati minn Mycoplasma spp. (M.gallisepticum, M.synoviae u M.meleagridis), Escherichia coli, Haemophilus paragallinarum u Ornithobacterium rhinotracheale, enterite kkawżaata minn Clostridium perfringens u Clostridium colinum, septiċemija kkawżaata minn Pasteurella multocida

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkomand ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżmim/ Indikazzjonijiet</b>
Ir- Repubblika Slovakka	Lavet Pharmaceuticals Ltd., 1161 Budapest Otto u. 14, Hungary	DOXYVIT 40% plv.sol.	Doxycycline hyclate	40 g/100 g	Trab li jinħall fl- ilma	Tjur: (tiġieġ u dundjani), u majjali	3-5 jiem fl-ilma tax-xorb, tjur fl- ilma tax-xorb, majjali: l-ilma tax- xorb, fl-għalf	Tiġieġ u dundjani: 10-20 mg doxycycline hyclate attiv/kg b.w.)/jum, trattament kontinwu: 1 g prodott/ 3- 6 litru ilma tax-xorb, trattament riġetut: 25- 50 mg prodott/kg b.w.(10-20 mg doxycycline hyclate/kg b.w.) fl-ilma tax-xorb	Laħam tat-tiġieġ u dundjani: 4 jiem,  Indikazzjonijiet: Trattament u profilassi ta' infelzjoni respiratorji, intestinali u sistemiċi ikkawżati minn organiżmi sensittivi għal doxycycline: Tiġieġ, dundjani: Mard kroniku respiratorju (Mycoplasma gallisepticum, E.coli), airsacculitis (M.meleagridis), sinovite infettiva (M.synoviae), kolera tal-felu (P. multocida), bordetelloži tad- dundjani (Bordetella avium), coryza infettiva (Haemophilus paragallinarum), kollibačilloži (E.coli), enterite nekrotika (Clostridium perfringens), chlamydiiosis (CH. psittaci),

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkomand ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżemm/ Indikazzjonijiet</b>
Ir- Repubblika Slovakka	Tekro, spol. s.r.o., Višňová 2/484, 140 00 Praha 4, Czech Republic	Meditek DOX 100 plv.sol. ad us.vet.	Doxycycline hyclate	100 g/1000 g	Trab li jinħall fl- ilma	Brojlers, majjali	3-5 jiem mal-ilma tax-xorb	Brojlers: 10 mg doxycyclini hyclate/kg b.w (li jikkorrispond i għal 1 kg prodott/100 0 litru ta' ilma tax- xorb)	Laħam ta' brojlers u majjali: 7 jiem.  Indikazzjonijiet: Trattament u prevenzjoni ta' mard respiratorju u gastrointestinali ikkawżati minn organiżmi sensitivi għal doxycycline: brojlers: CRD, majkoplasmoži, aerosaculitis, synovitis, pasteurellosis, kolera infettiva, kolibaċillożi, chlamidiosis, enterite nekrotika
Ir- Repubblika Slovakka	Pharmagal s.r.o., Murgašova 5, 949 01 Nitra, Slovak Republic	DOXYGAL plv.sol. ad us.vet.	Doxycycline hyclate	5 g/100 g	Trab li jinħall fl- ilma	Majjali, tjur, għoġġiela, fniek	Tjur: Prevenzjoni 5 jiem, trattament 3 jiem, fl-ilma tax- xorb Majjali, għoġġiela, fniek: 5 jiem, fl-ilma tax- xorb, fl-għalf	Tjur: prevenzjoni: 50 mg sustanza attiva/1 litru ta' ilma tax- xorb (1 g prodott/1 litru ilma ), trattament: 100 mg sustanza attiva/1 litru ta' ilma (2 g prodott/1 litru ilma )	Laħam tat-tjur u tal- fniek: 7 jiem  Indikazzjonijiet: Tjur: CRD (majkoplasmoži), colibačilloži.

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkommard ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżmim/ Indikazzjonijiet</b>
Ir- Repubblika Slovakka	COOPHAVET Saint Herblon 44150 Ancenis FRANCE	RONAXAN 5 % plv.sol. ad us.vet.	Doxycycline hyclate	5 g/100 g	Trab li jinħall fl- ilma	Majjali, tjur, għoġġiela	Prevenzjoni: 1-3 jiem, tratament: 3-5 jiem, fl-ilma tax-xorb, fl-għalf  Tjur: - inqas minn ġimagħtejn: 1 g prodott/litru ta' ilma tax- xorb /jum, - akbar minn ġimagħtejn: 2 g/litru ilma/jum	10 mg sustanza attiva/kg b.w./jum (1 g prodott/5 kg b.w./jum) Tjur: - inqas minn ġimagħtejn: 1 g prodott/litru ta' ilma tax- xorb /jum, - akbar minn ġimagħtejn: 2 g/litru ilma/jum	Laħam tat-tjur 4 jiem  Indikazzjonijiet: Tjur: Trattament preventif u ta' kura għal infezzjonijiet respiratorji,
Ir- Repubblika Slovakka	Laboratorios Karizoo S.A Polígono Industrial La Borda Mas Pujades 11-12 08140 Caldes de Montbui Barcelona SPAIN	KARIDOX 100 mg/ml roztok pre podávanie hydine a ošípaným perorálne v pitnej vode	Doxycycline hyclate	100 mg/ml	Trab li jinħall fl- ilma	Tiġieġ (brojlers), majjali	Brojlers: 3 - 5 jiem, Majjali: 5 jiem, fl-ilma tax- xorb	Brojlers: 10 -20 mg ta' doxycycline/ kg b.w./jum, (0,5-1,0 ml ta' prodott/litru ta' ilma tax- xorb),	Laħam u offal: tiġieġ (brojler) 7 jiem  Indikazzjonijiet: Tiġieġ (brojlers): Prevenzjoni u trattament tal-mard kroniku respiratorju (CRD) u majkoplasmozi ikkawżata minn mikroorganiżmi sensittivi għal doxycycline.

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkommard ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżmim/ Indikazzjonijiet</b>
Ir- Repubblika Slovakka	CHEMO IBERICA, S.A. Gran Via Carlos III, 98 7 <sup>a</sup> Edificio Trade 08028 Barcelona SPAIN	ORIDOX 100 mg/ml roztok pre podávanie hydine a ošípaným perorálne v pitnej vode	Doxycycline hyclate	100 mg/ml	Trab li jinħall fl- ilma	Tiġieġ (brojlers), majjali	Brojlers: 3-5 jiem, Majjali. 5 jiem, fl- ilma tax-xorb	Brojlers: 10 -20 mg ta' doxycycline/ kg b.w./jum, (0,5-1,0 ml ta' prodott/litru ta' ilma tax- xorb),	Laħam u offal: tiġieġ (brojler) 7 jiem,  Indikazzjonijiet: Tiġieġ (brojlers): Prevenzjoni u trattament tal-mard kroniku respiratorju (CRD) u majkoplasmozi ikkawżata minn mikrorganiżmi sensittivi għal doxycycline.
Ir-Renju Unit	Laboratorios Karizoo S.A Polígono Industrial La Borda Mas Pujades 11-12 08140 Caldes de Montbui Barcelona SPAIN	Karidox 100mg/ml Oral Solution for use in drinking water for Chickens and Pigs	Doxycycline hyclate	100 mg/ ml doxycycline (bħala doxycycline hyclate)	Soluzzjoni Orali	Tiġieġ (brojler) u Majjali	Orali (ilma tax- xorb)	10-20 mg doxycycline (hyclate)/kg x 3-5 jiem	Laħam u offal: Tiġieġ (brojlers): 7 jiem  Indikazzjonijiet: TIĠIEġ (BROJLERS): Prevenzjoni u trattament tal-mard kroniku respiratorju (CRD) u majkoplasmozi ikkawżata minn mikrorganiżmi sensittivi għal doxycycline.

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkmand ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżemm/ Indikazzjonijiet</b>
Ir-Renju Unit	CHEMO IBERICA, S.A. Gran Via Carlos III, 98 7 <sup>a</sup> Edificio Trade 08028 Barcelona SPAIN	Soldoxin 100mg/ml Oral Solution for use in drinking water for chickens and pigs	Doxycycline hyclate	100 mg/ ml doxycycline (bħala doxycycline hyclate)	Soluzzjoni Orali	Tiġieġ (brojler) u Majjali	Orali (ilma tax-xorb)	10-20 mg doxycycline (hyclate)/kg x 3-5 jiem	Laħam u offal: Tiġieġ (brojlers): 7 jiem  Indikazzjonijiet: TIĠIEĠ (BROJLERS): Prevenzjoni u trattament tal-mard kroniku respiratorju (CRD) u majkoplasmozi ikkawżata minn mikroorganiżmi sensittivi għal doxycycline.
Ir-Renju Unit	Huvepharma N.V. Uitbreidingstraat 80 2600 Antwerpen BELGIUM	HydroDoxx 500 mg/g Water Soluble Powder	Doxycycline hyclate	500 mg/g doxycycline hyclate	Trab għal soluzzjoni orali	Tiġieġ (brojlers) u majjali (majjali għat-tismin)	Orali (ilma tax-xorb)	20 mg doxycycline (hyclate)/kg x 3-5 jiem	Laħam u offal: Tiġieġ: 6 jiem  Indikazzjonijiet: Tiġieġ (brojlers): Prevenzjoni u trattament tal-mard kroniku respiratorju (CRD) ikkawżat minn Mycoplasma gallisepticum.
IR-RENJU UNIT	VMD NV, HOGE MAUW 900-2370 Arendonk BELGIUM	Doxyveto 50 s plus	Doxycycline hyclate	50% w/w doxycycline hyclate	Trab għal amministrazzjoni orali	Tiġieġ li ma jbidx bajd	Orali (ilma tax-xorb)	25 mg doxycycline (hyclate)/kg x 3-5 jiem	Laħam u offal: 6 jiem  Indikazzjonijiet: Infezzjoni respiratorji kkawżati minn Mycoplasma spp., E. coli u Haemophilus paragallinarum Enterita kkawżata

<b>Stat Membru/ EEA</b>	<b>Applikant/ Detentur tal- Awtorizzazzjoni Għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem tal- Prodott</b>	<b>INN</b>	<b>Qawwa</b>	<b>Għamla farmaċewt ika</b>	<b>Speċi tal- Annimali</b>	<b>Frekwenza u mod ta' amministrazzjon i</b>	<b>Doża rakkomand ata</b>	<b>Perjodu(i) ta' tiżmim/ Indikazzjonijiet</b>
									minn Clostridium perfringens u Clostridium colinum

## **ANNESS II**

### **KONKLUŻJONIJIET U RAĠUNIJIET XJENTIFIĊI GĦAL EMENDI TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

# **SOMMARJU ĠENERALI GĦALL-EVALWAZZJONI XJENTIFIKA TA' TRABIJIET LI JINĦALLU FL-ILMA U SOLUZZJONIJIET ORALI LI FIHOM DOXYCYLINE HYCLATE INDIKATA GĦALL- UŻU FIT-TJUR (ara anness I)**

## **1. Introduzzjoni**

It-trabijiet li jinħallu fl-ilma u s-soluzzjonijiet orali li fihom doxycycline hyclate indikati għall-użu fit-tjur u maħsubin għal amministrazzjoni permezz tal-ilma tax-xorb, jintużaw għat-trattament ta' infel-żonijiet respiratorji u gastrointestinali kkawżati minn patoġeni suxxettibbi għal doxycycline.

Doxycycline hija derivat ta' tetracycline b'użu simili għal dak ta' tetracycline. It-tetracyclines kollha għandhom spetru wiesgħa ta' attivitā li jinkludi batterji Gram-pożittivi u Gram-negattivi, chladias, rickettsias, majkoplażmi u spirochaetes. Doxycycline għandha t-tendenza li tkun aktar attiva kontra uħud minn dawn l-ispeċi milli tetracyclines oħra. Hija princiċipalment antibiotiku batterostatiku u l-mekkaniżmu prinċipali tagħha huwa ta' azzjoni fuq l-inibizzjoni tas-sinteżi tal-proteini.

Ir-Renju Unit wera tħassib li differenzi fil-pożoloġija, firxa tad-doża, tul tat-trattament u perjodi ta' tiż-żemmin stabbiliti madwar l-Unjoni Ewropea għall-qawwiet kollha ta' trabijiet li jinħallu fl-ilma u soluzzjonijiet orali li fihom doxycycline hyclate indikati għall-użu fit-tjur u maħsubin għall-amministrazzjoni permezz tal-ilma tax-xorb jistgħu jippreżentaw riskju potenzjali serju kemm għas-saħħha tal-animali kif ukoll għas-saħħha tal-bniedem, u talab lis-CVMP biex jaġhti l-opinjoni tiegħi d-din il-kwistjoni.

Il-proċedura involviet 179 prodott mediciċinali veterinarju awtorizzat jew li qed jistenna l-awtorizzazzjoni fi Stati Membri differenti fl-Unjoni Ewropea (ara Anness I).

## **2. Diskussjoni tad-dejta disponibbli**

Mid-dejta ġenerali sottomessa mill-Applikanti/Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq dsatax-il risposta biss kienu d'dossiers sħaħ żviluppati skont l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2001/82/KE. Disa' risposti kienu b'dossiers ġeneriċi żviluppati skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/82/KE. Għal erba' risposti l-informazzjoni miktuba pprovdu ma kellhiex dejta pertinenti għall-mistoqsijiet imqajma mis-CVMP. Risposta waħda waslet wara d-data tal-ġħeluq mogħtija għas-sottomissjoni u għalhekk ma ġietx aċċettata u s-CVMP għamel l-evalwazzjoni tiegħi mingħajr ma kkunsidra d-dejta speċifika għall-prodott.

Id-dejta li saret disponibbli indikat li l-prodotti mediciċinali veterinarji huma awtorizzati jew qed jistenne l-awtorizzazzjoni permezz ta' proċeduri differenti ta' awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-suq (proċeduri ta' rikonoximent komuni jew proċeduri nazzjonali) u taħt diversi bażiżjet legali (sħaħ, ġeneriċi u b'kunsens informat)

Kien innotat li ċerti partijiet tad-dejta sottomessa kienu identiċi imma sottomessi minn MAHs differenti.

Id-dsatax-il risposta msemmija hawn fuq li kellhom dossier sħiħ żviluppat skont l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2001/82/KE biss kienu kkunsidrati ta' kwalità adegwata biex iwieġbu l-kwistjonijiet speċifiċi mqajma. Il-pakketti tad-dejta sottomessi jikkonsistu f'dejta bibliografika, disponibbli fil-qasam pubbliku u dejta tal-fabrikant.

Bħala appoġġ għall-effikaċja tal-prodotti kkonċernati, b'kollox ġew sottomessi 11-il studju ta' proprjetà oriġinali mill-Applikanti/Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq li jinkludu 3 studji

esperimentalni ta' infezzjoni u 8 studji kliniċi fil-qasam. L-istudji kollha barra wieħed saru fuq tiġieġ brojlers. L-istudju l-ieħor sar fuq dundjani.

Fl-istudji ntużaw formulazzjonijiet differenti tal-prodott li fihom doxycycline hyclate/hydrochlide f'konċentrazzjonijiet differenti; kważi kollha kienu jinkludu acidifikaturi fil-formulazzjoni (normalment aċidu ċitriku).

Id-dokumentazzjoni tal-istudji ta' proprjetà oriġinali kienu eteroġeniċi ħafna u f'ħafna każijiet ma qablux mal-istandardi preżenti. B'mod partikolari, informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-istudju (storja medika tas-sit tal-istudju, kundizzjonijiet tal-ilqugħ u tal-ikel, ċiklu dawl/dlam) kif ukoll l-iskeda tat-trattament (medikazzjoni ad libitum għal 24 siegħa/ medikazzjoni bil-pals) kienet nieqsa jew limitata ħafna.

Fuq bażi ta' studju dwar determinazzjoni tad-doża skont il-GLP fuq tiġieġ brojlers infettati b'mod artifiċjali bil-***Mycoplasma gallisepticum*** tista' tiġi derivata doża terapewtika ta' 20mg/kg ta' piż tal-ġisem mogħtija għal 5 jiem konsekuttivi. Ġew ippreżentati seba' studji kliniċi fil-qasam fuq tiġieġ brojlers b'mard respiratorju u infezzjoni kkonfermata ta' *Mycoplasma gallisepticum*. Doxycycline hyclate ġiet amministrata fl-istudji kollha barra tnejn b'doża fil-mira ta' 20mg/kg ta' piż tal-ġisem għal 5 jiem konsekuttivi. Wieħed minn dawn l-istudji iservi bħala evidenza ta' konferma għall-effikaċċja tad-doża fil-mira, ibbażata fuq il-parametru oġġettivi bħal tnaqqis sinifikanti tal-perċentwal ta' annimali b'leżjonijiet patoloġiċi u punteggj totali ta' leżjoni tipiċi tal-marda u tnaqqis sinifikanti fir-rata ta' rkupru ta' *M. gallisepticum* wara t-trattament. L-ebda effett avvers relatat mat-trattament ma ġie rrekordjat. L-istudji l-oħra jipprovdu appoġġ indikattiv favur id-doża ta' mira, minħabba li kien użat tmiem primarju soġġettiv – titjib kliniku – u minħabba li dawn l-istudji ma kinux iddokumentati tajjeb. B'konklużjoni, doża terapewtika ta' 20 mg/kg ta' piż tal-ġisem amministrata għal 5 jiem konsekuttivi kienet ikkonfermata għat-trattament ta' mard respiratorju kkawżat minn ***M. Gallisepticum fit-tiġieġ*** fuq il-bażi ta' studju kliniku fil-qasam fit-tiġieġ brojer b'mard respiratorju u infezzjoni kkonfermata ta' *M. Galliseptism*.

Fir-rigward ta' infezzjoni b'*Pasteurella multocida*, ġew ippreżentati żewġ studji sperimentalni fit-tiġieġ brojler, jiġifieri pubblikazzjoni (Semjen et al., (1998)<sup>1</sup>, u studju ta' proprjetà. Il-kundizzjonijiet sperimentalni kienu simili fiż-żewġ studji. Iż-żewġ studji jindikaw li doxycycline f'doża ta' kuljum ta' 10 mg/kg bw għal 4(5) jiem konsekuttivi kienu effettivi għat-trattament ta' kolera tal-felu akuta indotta kif evidenzjat mit-taqqis sinifikanti fir-rata ta' mortalità u leżjonijiet patoloġiċi karakteristiċi għall-marda kif ukoll ir-rata ta' rkupru tar-razza sfidata, kif imqabbel ma' kontrolli infettati mhux medikati. Doxycycline intweriet ukoll li hija superjuri għal chlorotetracycline użata bħala kontroll pożittiv. Madankollu l-pubblikazzjoni ma tipprovdix biżżejjed informazzjoni biex tiġi kkalkolata d-doża proprja li ttieħdet mill-annimali tal-istudju. Fl-istudju ta' proprjetà, id-diarrea kienet wieħed mis-sintomi kliniċi prinċipali osservati f'annimali infettati mhux ikkurati, li mhijiex ikkunsidrata tipika għal *Pasteurellosis*. Sintomi kliniċi ħief u xi mwiet ġew osservati f'annimali ttrattati fil-perjodu ta' wara l-osservazzjoni. Minkejja l-fatt li ma ġie ppreżentat ebda studju kliniku fil-qasam biex jikkonferma r-riżultati miksuba taħt kundizzjonijiet esperimentalni, l-użu ta' doxycycline għat-trattament ta' infezzjonijiet respiratorji assoċċjati ma' *P. Multocida* jidher iż-ġejus konsiderazzjoni tas-suxxettibilità ta' dan il-patoġenu għal doxycycline (MIC90 up to 2µg/ml).

<sup>1</sup> Semjen G., Magyar T, Laczay P.: Therapeutic efficacy of doxycycline against experimental *Pasteurella multocida* infection in broiler chickens. Act. Vet. Hung. 46 (1), pp.85-93, 1998

Fir-rigward ta' infezzjonijiet b'*Escherichia coli* ġew ippreżentati tliet pubblikazzjonijiet ta' studji mudell esperimentalni (George et al., 1977<sup>2</sup>; Goren et al., 1988<sup>3</sup>, Velkers et al., 2005<sup>4</sup>) u studju kliniku tal-effikaċja. L-istudju ppubblikat minn Goren et al. (1988)<sup>3</sup> kien imfassal bħala studju ta' titrazzjoni tad-doża b'doxycycline mogħtija f'dożaġġi ta' 25-1000 ppm fl-ilma tax-xorb għal 5 jiem konsekuttivi. Segħet tintwera relazzjoni ċara ta' doża-rispons. Bi tqabbil ma' kontrolli infettati mhux medikati, doxycycline intweriet li kienet effettiva fit-tnaqqis tar-rata ta' mortalità u leżjonijiet patoloġiċi karatteristiċi għal *Colibacillosis* (pericarditis, aerosacculitis u perihepatitis) kif ukoll il-prestazzjoni klinika tat-tiġieġ f'livelli ta' doża minn 400 ppm (li tikkorrispondi għal 96 mg/kg) 'il fuq. Ir-riżultati l-aktar favorevoli nkisbu bl-oħla doża t-testjata, jiġifieri 1000 ppm li tikkorrispondi għal 196 mg/kg tal-piż tal-ġisem għal 5 jiem. B'dawn il-livelli ta' doża nkisbu livelli medji ta' doxaċċa fit-ta' doża ta' 50 ppm fl-ilma tax-xorb għal 3 jiem konsekuttivi, meta mqabbla ma' kontrolli infettati mhux medikati, u ntweriet li kienet superjuri għal chlortetracycline u lincomycin-spectinomycin użati bħala kontroll pożittiv. Madankollu l-artikolu ta' George et al. (1977)<sup>2</sup> ma jinkludix biżżejjed informazzjoni (piż tal-ġisem u konsum tal-ilma) biex tiġi kkalkolata d-doża prorrja ta' kuljum li ttieħdet mill-annimali tal-istudju.

Doxycycline ntużat bħala kontroll f'ambjent esperimentalni li jittestja medikazzjoni omeopatika għat-trattament ta' *Colibacillosis* fit-tiġieġ brojler, (**Velkers** et al., 2005)<sup>4</sup>. Mogħtija f'doża ta' kuljum ta' 250 mg/l ilma tax-xorb għal 5 jiem konsekuttivi, doxycycline intweriet li kienet effikaċi fil-prevenzjoni tal-mortalità, fit-tnaqqis tad-dehra ta' leżjonijiet ta' *E. coli* u tnaqqis fit-tkabbir. Madankollu, il-pubblikazzjoni ma tinkludix l-informazzjoni neċċessarja biex tinkiseb id-doża ta' kuljum propja li ttieħdet mill-ġhasafar tal-istudju.

It-tqabbil ta' dawn l-istudji ta' infezzjoni li jinvestigaw *Colibacillosis* kien problematiku minħabba d-differenzi konsiderevoli fil-kundizzjonijiet sperimentalni bħal l-użu ta' razex ta' sfida u livelli ta' doża infettiva differenti, inizjazzjoni taż-żmien tat-trattament differenti, u differenzi fit-tiġieġ (età, piż, u razza) użati. Għalhekk ma tistax tittieħed konklużjoni ċara minn dawn l-istudji.

Studju kliniku miftuħ fil-qasam li kien skont GCP ġie pprovdut fuq tiġieġ brojlers li jsorfu minn Colibacillosis. Doxycycline ngħata f'doża fil-mira ta' kuljum ta' 25 mg/kg piż tal-ġisem għal 3 jiem. L-evalwazzjoni tal-effikaċja kienet ibbażata fuq il-mortalità, osservazzjonijiet kliniċi u mikrobijoloġija. Ir-riżultati indikaw li doxycycline tejbet b'mod effettiv il-prestazzjoni klinika tat-tiġieġ u naqqset il-mortalità bil-mod. Ġew innotati diversi nuqqasijiet fl-istudju (eż. Nuqqas ta' grupp ta' kontroll).

Fir-rigward ta' infezzjonijiet b'*Ornithobacterium rhinotracheale*, ġie ppreżentat studju tal-konferma tal-effikaċja ikkontrollat skont GCP fit-tiġieġ infettati b'mod esperimentalni b'*O. rhinotracheale*. L-istudju sar f'żewġ fażijiet, fażi pilota li stabbiliert id-doża infettiva ottimali u wara fażi ta' konferma. Sintomi kliniċi wara l-infezzjoni kienu kważi nieqsin għal kollox anki bl-oħla doża infettiva. Madankollu, dejta tal-fażi pilota tindika li tiġieġ bl-oħla livell infettiv, ikkurati b'doxycycline b'doża ta' 20 mg/kg kuljum għal 4 jiem urew tnaqqis sinifikanti ta' leżjonijiet fil-boroż tal-arja kif imqabbla ma' kontrolli mhux medikati. Fil-fażi ta' konferma, kemm ir-rispons kliniku u dak patoloġiku għal infezzjoni artifiċjali b'*O. rhinotracheale* kien baxx fil-kontrolli mhux medikati. Effikaċja antimikrobijni kif evidenti mir-rata ta'

<sup>2</sup> George BA, Fagerberg DJ, Quarles CL, Fenton JM.: Comparison of therapeutic efficacy of doxycycline, chlortetracycline and lincomycin-spectinomycin on *E. coli* infection of young chickens. Poult Sci. 1977 Mar;56(2):452-8.

<sup>3</sup> Goren E, de Jong WA, Doornenbal P, Laurensse T.: Therapeutic efficacy of doxycycline hydiate in experimental *Escherichia coli* infection in broilers. Vet Q. 1988 Jan;10(1):48-52.

<sup>4</sup> Velkers FC, te Loo AJ, Madin F, van Eck JH.: Isopathic and pluralist homeopathic treatment of commercial broilers with experimentally induced colibacillosis. Res Vet Sci. 2005 Feb;78(1):77-83.

rkupru ta' *O. rhinotracheale* ma kinx ikkonfermata. Ovvjament ma saret l-ebda prova għad-determinazzjoni tad-doża propria fit-tiġieġ. Dan kien l-uniku studju sottomess b'appoġġ tal-pretensjoni dwar *O. rhinotracheale*. Bħala konkużjoni, ebda doża terapewtika ma tista' tkun ikkonfermata għat-trattament ta' mard respiratorju kkawżat minn *O. rhinotracheale* fuq il-bażi tad-dejta sottomessa.

Id-dejta sottomessa għal Chlamydiosis ma kinitx konklussiva u għalhekk ma kienx hemm informazzjoni biżżejjed li tappoġġja din l-indikazzjoni kemm fit-tiġieġ kif ukoll fi speċi fil-mira oħrajn għall-prodotti approvati bħalissa li huma fi ħdan l-iskop ta' din il-proċedura ta' referenza.

Ġew ippreżentati tliet studji dwar l-effikaċja ta' doxycycline fid-undjani u l-wiżżeġ. Fid-undjani doxycycline ġiet amministrata għat-trattament ta' mard respiratorju u airosacculitis u mard respiratorju flimkien ma' sindromu tal-ġogi (Mycoplasma, Staphylococcus). Il-wiżżeġ ġew ittratati b'doxycycline minħabba problemi respiratorji (majkoplasmozi). Minħabba li t-tliet studji ma ġewx iddokumentati tajjeb (eż. kienu neqsin informazzjoni relevanti għall-proċeduri dijanjostiċi, mikrobijoloġija, osservazzjonijiet kliniċi eċċ.), ir-riżultati ma jistgħux jiġu interpretati kif jixraq.

Ma ġiet ippreżentata l-ebda dejta jew ftit li xejn biex tappoġġja indikazzjonijiet oħrajn (eż. *Infezzjonijiet ikkawżati minn M. meleagridis, M. synoviae, Haemophilus paragallinarum, Clostridium perfringens, Clostridium colinum, Bordetella avium, eċċ)*) fit-tiġieġ jew speċi fil-mira oħrajn li huma approvati bħalissa għall-prodotti fi ħdan l-iskop ta' din il-proċedura.

Bħala konkużjoni, il-Kumitat ikkunsidra li l-effikaċja ta' doxycycline fit-trattament ta' mard kroniku respiratorju kkawżat minn *M. Gallisepticum* kienet appoġġjata biżżejjed bl-istudju kliniku ta' determinazzjoni tad-doża u provi kliniċi taħt kundizzjonijiet ta' użu kummerċjali għall-użu fit-tiġieġ f'doża ta' 20 mg/kg għal 5 jiem konsekuttivi. Fir-rigward ta' infezzjonijiet b'*P. multocida*, ir-riżultati ta' studju mudell sperimentalji jindikaw doża ta' trattament ta' 10 mg/kg piżi tal-ġisem għal 4 jew 5 jiem, imma ebda dejta klinika ta' konferma miex taħt kundizzjonijiet kummerċjali ma ġiet magħmula disponibbli. Madankollu minħabba li *P. multocida* ntweriet li hija suxxettibbli għal doxycycline b'MIC90 sa 2µg/ml u koperta b'analiżi farmakokinetika/farmakodinamika, l-inklużjoni ta' infezzjonijiet *P. multocida* fl-indikazzjoni għat-trattament.

Fir-rigward ta' infezzjonijiet b'*E. coli* fit-tjur, id-dejta sottomessa ma kinitx biżżejjed. Ebda reġimen ta' dożaġġ terapewtiku ma seta' jiġi derivat miż-żewġ studji sperimentalji b'infezzjoni b'*E. coli* fit-tiġieġ sottomessi. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-istudju kliniku fil-qasam fi brojlers ibatu minn *Colibacilosis* sottomess, ikkurati b'doża ta' 25 mg/kg għal 3 jiem ma kinux konvinċenti. Kif evidenti fid-dejta farmakodinamika, razez ta' *E. coli* urew suxxettibilità varjabbi ħafna kontra doxycycline b'valuri MIC90 ta' 2 - 32µg/ ml. L-aħħar rati ta' reżistenza ta' *E. coli* iż-żolati minn tiġieġ huma rrapporati fil-Ġermanja f'firxa ta' 19.3-37% (Wallmann et al, 2007)<sup>5</sup>. Jista' jiġi argumentat li doxycycline tista' tintuża b'mod effettiv fit-trattament ta' infezzjonijiet b'*E. coli* fit-tiġieġ, iż-żda, diment li s-suċċettibilità għal doxycycline tkun ikkonfermata qabel il-bidu tat-trattament.

Minkejja n-nuqqasijiet tal-istudji sottomessi u n-nuqqas ta' dejta għal ċerti indikazzjonijiet u dożaġġi fuq bażi ta' użu stabbilit sewwa u n-nuqqas ta' informazzjoni ta' farmakoviġilanza fir-rigward tan-nuqqas ta' effikaċja, jista' jiġi konkużż li d-dożaġġi u l-indikazzjoni preżenti għall-prodotti li fihom doxycycline jistgħu jkunu ikkunsidrati siguri u effettivi.

<sup>5</sup> Wallmann, J.; Schroer, U.; Kaspar, H.: Quantitative resistance level (MIC) of bacterial pathogens (*Escherichia coli*, *Pasteurella multocida*, *Pseudomonas aeruginosa*, *Salmonella* sp., *Staphylococcus aureus*) isolated from chickens and turkeys: National Resistance Monitoring by the BVL 2004/2005 (2007) Berl. Munch. Tierarztl. Wochenschr.; 120; 452-463

L-istudji dwar it-tnaqqis tar-residwi ppreżentati mill-MAHs indikaw li fejn possibbli ntuża l-approċċ statistiku<sup>6</sup> kif irrakkomandat mill-Kumitat għall-istabbiliment ta' perjodi ta' tiżmim. F'ċerti studji, il-kinetiċi tat-tnaqqis tar-residwi ta' doxycycline ma ntwerewx minħabba li nstabu residwi fit-tessuti biss fl-ewwel u t-tieni punt tal-ħin wara l-waqfien mid-droga. F'dawn il-każijiet l-approċċ alternattiv<sup>6</sup> ġie applikat jew l-istudu ġie kkunsidrat li huwa ta' natura konfermatorja. Studji ta' residwi saru l-aktar fit-tiġieġ. Żewġ studji ta' residwi kien fid-dundjani. Id-dożi ta' kuljum mogħtija lit-tiġieġ varjaw bejn 10.36 mg/kg piż tal-ġisem, 14.47 mg/kg piż tal-ġisem u 25 mg/kg piż tal-ġisem. Doża ta' kuljum ta' madwar 20 mg doxycycline/kg piż tal-ġisem kienet amministratra fi tmien studji. F'żewġ studji ġiet irrapportata l-konċentrazzjoni tal-prodott finali fl-ilma tax-xorb, imma l-ammont proprju ta' mediciċina li ħadu l-annimali f'termini ta' mg kull kg piż tal-ġisem ma kienx speċifikat. It-tul tat-trattament kien ta' ħamest ijiem konsekuttivi fl-istudji kollha.

Minħabba li ma kienx identifikat il-bżonn tar-reviżjoni tad-doża, il-perjodi ta' tiżmim tal-prodotti kkonċernati ma kellhomx bżonn jiġu riveduti.

### **3. Stima ta' Benefiċċju Riskju**

Wara li ġiet ikkunsidrata d-dejta kollha sottomessa mill-Applikanti/Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq, kien hemm biżżejjed evidenza dokumentata b'appoġġ għall-effikaċċja aċċettabbli ta' doxycycline hyclate meta użata fit-tiġieġ brojlers għat-trattament ta' infezzjoni respiratorja assoċjata ma' Mycoplasma gallisepticum, suxxettibbli għal doxycycline, b'doża ta' kuljum ta' 20mg/kg bw għal 5 jiem konsekuttivi. Madankollu ma kien hemm ebda evidenza ddokumentata għan-nuqqas ta' effikaċċja fit-trattament ta' infezzjoni respiratorja assoċjata ma' Mycoplasma gallisepticum ma' kwalunkwe reġimen ta' dożaġġ approvat ieħor (10-25 mg/kg piż tal-ġisem).

L-użu ta' doxycycline hyclate għall-indikazzjonijiet msemmjia kollha fit-tiġieġ kif ukoll l-użu ta' doxycycline hyclate f'rarez ta' tjur oħrajn kien ikkunsidrat stabbilit sewwa. Filwaqt li d-dejta sottomessa mill-Applikanti/Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq naqset mill tipprovd evidenza ddokumentata biżżejjed biex tappoġġja d-dożi stabbiliti għall-indikazzjonijiet u r-razze kollha l-oħrajn, ma kien hemm l-ebda informazzjoni ġdida li tindika xi riskju ġdid ieħor assoċjat mal-użu ta' doxycycline fit-tjur fir-rigward ta' nuqqas ta' effikaċċja. Fir-Rapporti ta' Aġġornament Perjodiku tas-Sigurtà għall-prodotti kkonċernati ma kien irrapportat l-ebda nuqqas ta' effikaċċja għal xi indikazzjonijiet imsemmija f'xi razza fil-mira.

Dwar ir-reżistenza, ir-riżultati ta' studju pan Ewropew reċenti tas-suxxettibilità antimikrobjali lejn antimikrobi fost reżistenza tal-batterji enteriċi kommensali u żoonotiċi, ippubblikat fl-2009<sup>7</sup>, urew reżistenza għolja ta' E. coli, iżolat mit-tiġieġ, kontra tetracyclini.

Għalhekk, is-CVMP jirrakkmanda illi l-litteratura tal-prodott għall-prodotti kollha kkonċernati fil-proċedura għandhom jinkludu stqarrijiet xierqa dwar l-użu prudenti skont dak li huwa rrakkmandat fil-Linja ta' Gwida tas-CVMP dwar l-SPC għal antimikrobjali (EMEA/CVMP/SAGAM/383441/2005)<sup>8</sup> u informazzjoni dwar amministrazzjoni korretta.

<sup>6</sup> CVMP Note for guidance: Approach towards harmonisation of withdrawal periods <http://www.ema.europa.eu/pdfs/vet/swp/003695en.pdf>

<sup>7</sup> De Jong et al.: A pan-European survey of antimicrobial susceptibility towards human-use antimicrobial drugs among zoonotic and commensal enteric bacteria isolated from healthy food producing animals. J. Antimicrob. Chemotherapy 63, 733-744, 2009

<sup>8</sup> CVMP revised guideline on the SPC for antimicrobial products (EMEA/CVMP/SAGAM/383441/2005) - <http://www.ema.europa.eu/pdfs/vet/sagam/38344105enfin.pdf>

## **RAĠUNIJIET GĦAL EMENDA TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TAT-TIKKETTA U TAL-FULJETT TA' TAGħRIF**

Billi:

- is-CVMP ikkunsidra li l-użu ta' doxycycline hyclare kien stabbilit sewwa. Ma kienx hemm evidenza ddokumentata li tindika riskju ġdid assoċjat mal-użu ta' doxycycline fit-tjur fir-rigward ta' nuqqas ta' effikaċja. Fir-Rapporti ta' Aġġornament Perjodiku dwar is-Sigurtà la nuqqas ta' effikaċja u lanqas xi problema ta' reżistenza ma ġew irrapportati għall-indikazzjonijiet approvati fi kwalunkwe waħda mir-razex approvati. Għalhekk, minkejja l-fatt li hemm nuqqas ta' evidenza ddokumentata għal xi indikazzjonijiet u razex fil-mira approvati bħalissa, l-istima tal-benefiċċju-riskju ġenerali tibqa' l-istess għall-prodotti fi ħdan il-mira ta' din il-proċedura;
- is-CVMP ikkunsidra li studju pan Ewropew riċenti tas-suxxettibilità antimikrobjali lejn antimikrobi fost reżistenza tal-batterji enteriċi kommensali u żoonotiċi, ippubblikat fl-2009, wera rata ta' reżistenza għolja ta' E. coli, iżolat mit-tiġieġ, kontra tetracyclini. Għalhekk, l-inklużjoni ta' stqarrijet xierqa dwar l-użu prudenti standard skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-linjal gwida tas-CVMP dwar l-SPC għall-Antimikrobjali u informazzjoni dwar amministrazzjoni korretta tal-prodotti kkonċernati f'din il-proċedura ta' riferiment kienu kkunsidrati xierqa;

Is-CVMP irrakkomanda t-tibdil tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq u emendi fis-sezzjonijiet relevanti tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, tikketta u Fuljett ta' Tagħrif biex jinkludu bħala informazzjoni minima l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III għat-trab li jinħall fl-ilma u soluzzjonijiet orali li fihom doxycycline hyclare indikati għall-użu fit-tjur u maħsuba għall-amministrazzjoni permezz tal-ilma tax-xorb kif hemm referenza għalihom fl-Anness I tal-Opinjoni.

### **ANNESS III**

### **EMENDA GĦAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGħrif**

## **EMENDI LI GĦANDHOM IKUNU INKLUŻI MAS-SEZZJONIJIET RELEVANTI TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

### **4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animali**

### **Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Minħabba varjabilità (ta' ħin, ġeografika) fis-suxxettibilità tal-batterji għal doxycycline, huwa rrakkomandat kampjonar batterjoloġiku sewwa u testijiet ta' suxxettibilità ta' mikrorganiżmi minn għasfar morda fir-razzett.

Rata ta' reżistenza għolja għal E. coli, iżolata mit-tiġieġ, kontra tetracyclines għiet iddokumentata. Għalhekk il-prodott għandu jintuża għat-qtawġġid ta' infekzjonijiet ikkawżati minn E. coli biss wara li jkun sar test għas-suxxettibilità.

Minħabba li jista' jkun li ma tintlaħaqx il-qerda tal-patoġeni fil-mira, il-medikazzjoni għandha tkun ikkombinata ma' prattiċi ta' ġestjoni tajba, eż iż-żejt tajba, ventilazzjoni adegwata, ebda stokk żejjed.

#### **4.9 Ammonti li għandhom jiġu amministrati u l-mod ta' amministrazzjoni**

Għandha tingħata fl-ilma tax-xorb.

<doża approvata> mg doxycycline hyclate /kg piż tal-ġisem/ jum, li tikkorrispondi għal mg <isem tal-prodott> kull kg piż tal-ġisem, għal ...<tul approvat tat-trattament> jiem konsekuttivi.

Fuq bażi tad-doża rrakkodata u n-numru u l-piż tal-għasafar li jkunu sejrin jiġu ttrattati, l-ammont eżatt ta' kuljum ta' <isem tal-prodott> għandu jiġi kkalkolat skont il-formola li ġejja:

.....mg [isem tal-prodott] /kg x Piż tal-ġisem (kg) medju tal-  
piż tal-ġisem/ jum għasafar li jkunu sejrin jiġu = .... mg [isem tal-prodott ] kull l-  
kkurati ilma tax-xorb

Konsum tal-ilma kuljum (I) medju kull għasfur

Sabiex tiżgura dożaġġ tajjeb il-piż tal-ġisem għandu jiġi stabbilit kemm jista' jkun eżatt.

It-teħid tal-ilma medikat jiddependi fuq il-kundizzjonijiet kliniċi tal-għasafar. Sabiex tikseb dożaġġ tajjeb, jista' jkun li jkun hemm bżonn li tinbidel il-konċentrazzjoni fl-ilma tax-xorb.

L-użu ta' apparat tal-użin ikkalibrat adegwatament huwa rrakkmandat jekk jintużaw partijet minn pakketti. L-ammont ta' kuljum għandu jiżdied mal-ilma tax-xorb b'mod li l-medikazzjoni kollha tkun ikkunsmata f'24 siegħa. Ilma tax-xorb medikat għandu jiġi ppreparat ġdid kull 24 siegħa. Huwa rrakkmandat illi titħejja soluzzjoni minn qabel li tkun ikkonċentrata – madwar 100 gramma ta' prodott għal kull litru ilma tax-xorb – u li din tiġi dilwita aktar għall-konċentrazzjonijiet terapewtiċi jekk meħtieġ. Inkella, is-soluzzjoni kkonċentrata tista' tintużza ġewwa medikatur tal-ilma proporzjonali.

**EMENDI LI GĦANHOM JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET  
RILEVANTI TAT-TIKKETTA**

## **7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel tuża.

## **9. TWISSIJA (TWISSIJIET) SPEċJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel tuża.

**EMENDI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET  
RELEVANTI TAL-FULJETT TA' TAGħrif**

## **9. PARIR DWAR AMMINISTRAZZJONI TAJBA**

Għandu jiġi segwit il-parir li ġej dwar id-dożaġġ:

<doža approvata> mg doxycycline hyclate /kg piż tal-ġisem/ jum, li tikkorrispondi għal mg <isem tal-prodott> kull kg piż tal-ġisem, għal ...<tul approvat tat-trattament> jaem konsekutivi.

Fuq il-bażi tad-doża rrakkomanda u n-numru u l-piż tal-ġasafar li sejrin jiġi ttrattati, l-ammont eż-żarru ta' kuljum ta' <isem tal-prodott> għandu jiġi kkalkolat skont il-formola li ġejja:

$$\begin{array}{l} \text{.....mg [isem tal-prodott] /kg} \quad \text{Piż tal-ġisem (kg) medju tal-} \\ \text{piż tal-ġisem/ jum} \quad \times \quad \text{għasafar li se jiġi kkurati} \quad = \dots \text{ mg [isem tal-prodott] kull l-} \\ \hline \text{Konsum tal-ilma kuljum (l) medju kull għasfur} \quad \text{ilma tax-xorb} \end{array}$$

Sabiex tiżgura dożaġġ tajjeb il-piż tal-ġisem għandu jiġi stabbilit kemm jista' jkun eż-żarru.

It-teħid tal-ilma medikat jiddependi fuq il-kundizzjonijiet kliniċi tal-ġasafar. Sabiex tikseb dożaġġ tajjeb, jista' jkun li tkun trid tinbidel il-konċentrazzjoni fl-ilma tax-xorb.

L-użu ta' apparat tal-użin ikkalibrat adegwatament huwa rrakkmandat jekk jintużaw partijiet minn pakketti. L-ammont ta' kuljum għandu jiżdied mal-ilma tax-xorb b'mod li l-medikazzjoni kollha tkun ikkunsmata f'24 siegħa. Ilma tax-xorb medikat għandu jiġi ppreparat ġdid kull 24 siegħa. Huwa rrakkmandat illi tipprepara soluzzjoni minn qabel ikkonċentrata – madwar 100 gramma ta' prodott għal kull litru ilma tax-xorb – u li tiddilwixxiha aktar għall-konċentrazzjoni terapewtiċi jekk meħtieġ. Inkella, is-soluzzjoni kkonċentrata tista' tintuża ġewwa medikatur tal-ilma proporzjonal.

## **12. TWISSIJA (TWISSIJIET) SPEċJALI**

Minħabba varjabilità (ta' ħin, ġeografika) fis-suxxettibilità tal-batterji għal doxycycline, huwa rrakkmandat ħafna li jsir kampjonar batterjoloġiku u testijiet ta' suxxettibbilità ta' mikrorganiżmi minn għasfar morda fir-razzett.

Ġiet iddokumentata rata ta' reżistenza għolja għal E. coli, iżolat minn tiġieġ, kontra tetracyclines. Għalhekk il-prodott għandu jintuża għat-tnejjha tħalli-konċentrazzjoni ikkawżati minn E. coli biss wara li jkun sar test għas-suxxettibilità.

Minħabba li jista' jkun li ma tinlaħaqx il-qedda tal-patoġeni fil-mira, il-medikazzjoni għandha tkun ikkombinata ma' prattiċi ta' ġestjoni tajba, eż iġene tajba, ventilazzjoni adegwata, ebda stokk żejjed.